Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

# Seduta numru 42. Illum it-Tlieta, 27 ta' Awissu 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Sotto Kumitat taz-zghazagh***
***Gemellagg mal-Comune di Mathi***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 338.0 Approvazzjoni tal-Minuti

338.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

338.2 Billi ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 339.0 Punti mill-Minuti

339.1 Il-Kunsillier Agostino Ebejer informa li ghaddha s-settijiet tat-telefon li nxtraw ghall-berga pubblika fil-jiem li ghaddew. Huwa qal li t-tabib u n-nurse apprezzaw dan. Il-Kunsillier Ebejer sahaq fuq l-importanza li jkun hemm tinda minhabba x-xita fuq barra tal-Berga. Kien hemm qbil li jingabru stimi ghal dan ix-xoghol.

### 340.0 Korrispondenza

340.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat korrispondenza mill-Onor Dr. Chris Said, fejn talab li jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali nhar il-gimgha, 5 ta' Settembru, fl-4.30pm. Il-membri tal-Kunsill qablu li jghaddu l-proposti taghhom individwali lis-Segretarju Ezekuttiv sa nhar il-gimgha, 29 ta' Awissu.

340.2 Inqrat korrispondenza mill-Kumitat Kongunt Tramuntana dwar il-proposta li kien ghamel il-Kunsill ghall-speed cameras fi Triq il-Mosta, fejn infurmaw li l-post fejn kien propost li jehlu ghandu jinbidel. Il-Kunsill se jistenna d-decizjoni ta' l-Authorised Officer.

340.3 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mill-MEPA, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**341.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

341.1 Is-Sindku nforma li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt gie diskuss is-servizz tal-Green Wardens. Kien hemm diskussjoni dwar il-hin mehtieg minnhom fil-lokalita ta' l-Imgarr u kien hemm qbil li jsir ftehim ma Kunsill Lokali mill-istess Kumitat, biex il-hinijiet ikunu jistghu jinzammu ghal tmien sieghat fil-gimgha . Il-hlas ta' zewg greenwardens hija ta' €12 kull siegha.

341.2 Is-Sindku nforma li bhalissa fl-estensjoni ta' l-ufficcju amministrattiv qed jinghadda d-dawl u nbeda x-xoghol ta' membrane fuq il-bejt.

**342.0 Gemellagg mal-Comune Di Mathi**

342.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta ufficjali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-approvazzjoni tal-gemellagg mal-Comune di Mathi, fid-dawl tal-policy gdida dwar il-gemellaggi. Sadanittant qed jigu ppreparati l-arrangamenti necessarji ghal dan il-vjagg.

342.2 Is-Sindku nforma li sa issa kkonfermaw l-attendenza taghhom ghal dan l-avveniment, is-Sinjura Carmen Gauci, is-Sur Michael Farrugia, is-Sinjura Joan Vella u s-Sinjura Mary Mifsud.

342.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l l-Konslu ghal Malta f'Torin, Dr. Giuseppe Bilotta, laqa' t-talba tal-Kunsill biex ikun prezenti f'Mathi, waqt il-programm mhejji mill-Comune Di Mathi in konnessjoni mal-gemellagg.

342.4 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jaghmel riproduzzjoni ta' l-entrata ta' Ta' Hagrat biex tinghata bhala rigal lill-Comune di Mathi fl-okkazjoni tal-Gemellagg. Din se tkun maghmula minn Malta Heritage Homes.

342.5 Il-Kunsill se jhalli l-istandard tal-Kunsill fil-Comune di Mathi, fuq talba ta l-istess Kunsill.

342.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill jipprezenta zewg hampers bi prodotti tradizzjonali lill-Konslu Dr. Giuseppe Bilotta u s-Sindku ta' Las Parejas, is-Sur Gagliardi.

342.7 Is-Sindku rrimarka li z-zjara ta' l-Assessur Giovanna Franco, l-Assessur Giuseppe Frandgenisot u l-Kunsillier Alberto Vinardi fl-Imgarr, bejn it-13 u s-17 ta' Awissu, kienet wahda posittiva ghall-ahhar. Waqt din iz-zjara, hadu sehem fil-purcissjoni tal-festa ta' Santa Marija u l-quddiesa bil-panigierku filwaqt li kellhom l-okkazjoni jiltaqghu ma numru ta' rapprezentanti ta' ghaqdiet lokali. Huwa qal li huma apprezzaw hafna l-valur kristjan fil-lokalita.

342.8 Waqt din iz-zjara, ir-rapprezentanti tal-Kunsill ta' Mathi ltaqghu mas-Sindku, il-Kunsillier Battistino u s-Segretarju Ezekuttiv fejn gie studjat pjan dwar progetti li jistghu isiru bejn iz-zewg Kunsilli Lokali.

**343.0 Sottokumitat taz-zghazagh**

343.1 Il-Kunsillier David Battistino, ssekondat mis-Sindku Paul Vella, ghaddha mozzjoni biex jitwaqqaf sottokumitat taz-zghazagh fi hdan il-Kunsill, biex ikun jista' jaghmel proposti lill-

Kunsill in konnessjoni ma dan il-qasam, filwaqt li jghinu fi progetti ta' l-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

343.2 Is-Sindku ppropona li jintbaghat invit lill-kull zghazugh/a fil-lokalita, fejn ikun hemm linji gwida cari dwar ix-xoghol mistenni minnhom.

343.3 Il-Kunsillier David Battistino qal li jixtieq li kull ghaqda tinnomina rapprezentant f'dan is-sottokumitat.

**344.0 Ftuh ta' l-Offerta ghall-provvista ta' Aluminium**

344.1 Nhar il-Hamis, 7 ta' Awissu, il-Kunsill fetah l-offerti sotomessi ghall-provvista ta' aluminium ghall-estensjoni tal-Kunsill. B'kollox gew sottomessi tliet offerti li kienu jammontaw ghal;

| | |
|---|---|
| Alucare Mosta Ltd. | € 9,571.86 |
| Framegrip Ltd. | €16,763.08 |
| Gozo Aluminium Ltd. | € 27,036.00 |

344.2 Il-Kunsill qabel li jibghat l-offerti lill-Perit tal-Kunsill ghall-evalwazzjoni taghhom.

**345.0 Ftuh ta' l-Offerta ghall-provvista ta' Konkos**

345.1 Nhar il-Hamis, 7 ta' Awissu, il-Kunsill fetah l-offerti sotomessi ghall-provvista ta' konkos. B'kollox gew sottomessi erba' offerti li l-prezzijiet taghhom qed jidhru hawn taht :

| | Contractors - Unit in m2 | **Bonnici Brothers Ltd** | **Denfar Concrete Supplies** | **Asphaltar Construction** | **Ballut Blocks Ltd.** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Grade C8 | 46.36 | 46.80 | 55.00 | 57.80 |
| 2 | Grade C15 | 58.42 | 55.80 | 63.00 | 64.00 |
| 3 | Grade C 20 | 68.16 | 63.00 | 73.00 | 73.00 |
| 4 | Grade C 25 | 81.14 | 77.40 | 83.00 | 82.60 |
| 5 | Grade C 30 | 84.00 | 85.50 | 96.00 | 91.50 |
| 6 | Grade C35 | 95.00 | 90.00 | 110.00 | 101.50 |
| 7 | Grade C 40 | 104.00 | 99.00 | 130.00 | 111.00 |
| 8 | Grade C 45 | 128.00 | 104.40 | 140.00 | 125.00 |
| 9 | Extra Over for Sulpher Resistant Cement | 13.00 | 34.00 | 15.00 | 11.80 |
| 10 | Extra Over for Plasticized Agent | 13.00 | 5.40 | 12.00 | 4.50 |
| | | | | | |
| | Bank Guarantee of € 2329.00 | X | x | x | X |

345.2 Il-Kunsill qabel li jghaddi l-offerti lill-Perit ghall-evalwazzjoni taghhom.

**346.0 Affarijiet Mixxellanji**

346.1 Il-Kunsill talab stima ghal servizz ta' Accountant biex ikun jista' jaghlaq il-kotba ta' kull xahar, peress li s-Segretarju Ezekuttiv qablet li l-inputing isir mill-ufficcju amministrattiv. Il-

Kunsill ghazel l-offerta ta' Mr Louis Padovani ghall-prezz ta' € 3900 fis-sena, peress li din kienet l-orhos offerta.

347.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Fenkata li giet organizzata mill-Kunsill nhar it-8 ta' Awwissu fil-pjazza. Kien hemm qbil li din is-sena kien hemm attendenza hafna akbar mill-pubbliku u ghalhekk kien hemm numru ta' hsibijiet ghall-attivita li se tigi organizzata s-sena d-diehla.

347.3 Il-laqgha ntemmet fit-8.15p.m.

347.4 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2008, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku